MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1554/1995/2

**RUGGIER HOLDINGS COMPANY LIMITED**

vs

Joseph **VELLA** u Gregory *sive* Gori Bonavia, għal kull interess li jista' jkollu, u b'Nota tat-2 ta' Ġunju, 2004, l-istess Gregory *sive* Gori Bonavia assuma l-atti tal-kawża minflok l-imħarrek l-ieħor Joseph Vella li miet fiż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Ottubru, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrkin, jew min

minnhom, ikkommettew spoll bi ħsara għall-istess kumpannija attriċi meta, bil-moħbi, kontra r-rieda tagħha u abbużivament, xeħtu terrapien u materjal li bih ħolqu mogħdija fl-għalqa magħrufa bħala “Ta’ Alla u Ommu”, fil-Magħtab, fil-limiti tan-Naxxar, li tagħha l-kumpannija attriċi hija sid ma’ oħrajn; (b) tordna lill-imħarrkin biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom, jerġgħu jagħmlu bi spejjeż tagħhom kulma huwa meħtieġ biex iġibu l-imsemmija għalqa fil-kundizzjoni li kienet qabel u jneħħu l-mogħdija li ħolqu b’mod li jerġgħu jroddu lill-kumpannija attriċi l-pussess li kellha qabel, jekk meħtieġ billi taħtar perit biex jissorvejla x-xogħlijiet meħtieġa; u (ċ) tawtorizza lill-kumpannija attriċi biex, f’każ li l-imħarrkin jonqsu li jwettqu dak lilhom ordnat fiż-żmien lilhom mogħti, tagħmel hi x-xogħol kollu meħtieġ bi spejjeż għall-istess imħarrkin, jekk meħtieġ taħt id-direzzjoni tal-istess perit. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta’ Frar, 1996, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, dwar l-imħarrek Bonavia, talab li jinħeles milli jibqa’ fil-kawża, ladarba huwa m’għandu l-ebda raba’ fl-inħawi u ma għamel l-ebda xogħol li minnu tilminta l-kumpannija attriċi. L-imħarrek Vella laqa’ qal li ma jeżisti l-ebda spoll għaliex il-kuntratt li bih xtara l-għalqa tiegħu kien jagħtih id-dritt li jgħaddi minn fuq l-għalqa tal-kumpannija attriċi (fix-xitwa bir-riġel u fis-sajf bi trakk), u dan kif għarraf lill-istess kumpannija attriċi b’ittra uffiċjali mibgħuta fil-15 ta’ Settembru, 1995;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Ottubru, 1997, li bih ħatret lill-Arkitett u Inġinier Ċivili David Paċe bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fl-20 ta’ Settembru, 1999[1], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-20 ta’ Jannar, 2000;

[1] Paġġ. 145 sa 156 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 2000[2], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza għas-17 ta' Mejju, 2000, bil-fakulta' lill-partijiet li jressqu noti ta' sottomissjonijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Mejju, 2000, li bih waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ordnat lill-perit tekniku biex jidher quddiemha ħalli jagħtiha xi kjarifiki li kienet teħtieġ;

Rat it-Tweġibiet magħmulin mill-perit tekniku mressaq in eskussjoni mill-imħarrkin waqt is-smigħ tal-31 ta' Ottubru, 2001[3];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Jannar, 2002[4], li bih reġgħet ħatret lill-istess perit tekniku biex jerġa' jirrelata wara li jisma' lill-partijiet bil-ġurament;

Rat ir-Relazzjoni Ulterjuri mressqa mill-perit tekniku fis-26 ta' Settembru, 2005[5], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-23 ta' Marzu, 2006;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrkin waqt is-smigħ tat-23 ta' Marzu, 2006;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-11 ta' Mejju, 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4369/97 dekretat fis-17 ta' Awissu, 1997;

---

[2] Paġ. 166 tal-proċess
[3] Paġġ. 175 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 180 tal-proċess
[5] Paġġ. 200 – 6 tal-proċess

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "RHC") tgħid li l-imħarrkin, jew min minnhom, tefgħu terrapien u materjal ieħor fl-għalqa li hija u oħrajn għandhom fl-inħawi " Ta' Alla u Ommu", fil-Magħtab fil-limiti tan-Naxxar, biex jagħmlu bħal mogħdija biex minnha jidħlu għal raba' li għandhom maġenb dik l-għalqa. Trid li jneħħu kulma għamlu u jroddulha l-pussess sħiħ tal-istess għalqa bħalma kien qabel intefa' l-materjal;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li seħħ xi spoll, għaliex, filwaqt li fil-każ tal-imħarrek Vella, dan kien xtara l-għalqa tiegħu bil-jedd li jgħaddi minn fuq l-għalqa in kwestjoni biex jidħol f'tiegħu, fil-każ tal-imħarrek Bonavia, la kellu għalqa fil-qrib u lanqas kien għamel xejn minn dak li minnu tilminta RHC;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fl-24 ta' Jannar, 1995[6], b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, il-kumpannija attriċi kisbet (fost l-oħrajn) mingħand il-familja Frendo w oħrajn, sehem mhux maqsum minn żewġ għelieqi fil-qasam magħruf bħala "Ta' Alla w Ommu" fil-limiti tan-Naxxar, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra;

Illi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anġelo Vella tat-2 ta' Awissu, 1988[7], l-imħarrek Vella kien kiseb mingħand wieħed Pietru Micallef u wliedu għalqa magħrufa bħala "Ta' Alla w Ommu", fil-Magħtab, fil-limiti tan-Naxxar, "kif suġġetta għad-dritt ta' passaġġ bir-riġel fix-xitwa u fis-sajf bit-*truck* versu r-raba' ta' Giomaria Micallef" u dan bil-patti u kundizzjonijiet hemm imfissra. L-imħarrek l-ieħor, Gregory Bonavia miżżewweġ lil bint l-imħarrek Vella[8];

---

[6] Dok "A", fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 4369/97
[7] Dok "A", f'paġġ. 9 sa 12 tal-proċess
[8] Xhieda tiegħu 26.5.1997, f'paġ. 68 tal-proċess

Illi l-għalqa ta' RHC tmiss mar-raba' tal-imħarrkin min-nofsinhar u mill-punent[9];

Illi fil-bidu ta' Settembru, 1995, l-imħarrek Vella ressaq rapport kontra d-direttur ta' RHC (Joseph Oliver Ruggier) fl-għassa tal-Pulizija tal-Mosta dwar twittija ta' mogħdija li huwa kien jgħaddi minnha biex jidħol fir-raba' tiegħu[10]. Ftit jiem wara, Ruġġier mar l-għassa u rrapporta lill-imħarrek Bonavia talli kien tefa' terrapien f'art tal-kumpannija tiegħu. Fil-11 ta' Settembru, 1995[11], RHC bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex tinterpellahom ineħħu t-terrapien u biex jieqfu jgħaddu mill-għalqa tagħha. B'ittra uffiċjali tal-15 ta' Settembru, 1995[12], l-imħarrkin warrbu t-talbiet ta' RHC. Il-kawża nfetħet fid-19 ta' Ottubru, 1995;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-aspetti legali tal-każ,</u> jingħad li għall-azzjoni mibdija minn RHC huwa meħtieġ jintwera li kellha pussess tal-art, ta' liema għamla jkun, kif maħsub fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[13] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li

[9] Dok "VER1", f'paġ. 89 tal-proċess
[10] Xhieda ta' P.S. 498 Joseph Sammut 26.5.1997, f'paġ. 73 tal-proċess
[11] Dok "JOR1", f'paġ. 22 tal-proċess
[12] Dok "JOR2", f'paġ. 23 tal-proċess
[13] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)

ježistu, b'mod illi jekk jinstab li xi wieħed minn dawn l-elementi jkun nieqes l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt tal-ħaġa li hija tgħid li tkun tnaqqset it-tgawdija jew il-pussess tagħha mill-għamil tal-parti mħarrka[14]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[15], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[16] u dak tal-ispoll[17]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[18] u l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[19];

Illi huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[20] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[21];

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi

---

[14] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[15] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna*** (mhix pubblikata)
[16] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[17] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[18] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[19] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)
[20] Art. 537 tal-Kap 16
[21] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**

artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[22]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[23]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[24], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra[25];

Illi f'dan il-każ, jidher bla ebda dubju li RHC mhux biss kellha l-pussess tal-art mertu tal-każ, imma saħansitra l-jedd ta' proprjeta' flimkien ma' oħrajn. Filwaqt li jidher li jagħrfu t-titolu ta' RHC, l-imħarrkin jgħidu, madankollu, li dik l-art hija suġġetta għal servitu' ta' mogħdija favur tagħhom u ta' oħrajn. Fuq kollox, l-imħarrek Vella jisħaq li huwa m'għamel l-ebda xogħlijiet f'raba' li kien fil-pussess ta' RHC;

Illi dwar il-pretensjoni tal-jedd tal-mogħdija, l-Qorti ssib li tali pretensjoni ma tirriżultax mistħoqqa, minbarra li hija difiża li tmur lil hinn minn dawk li jistgħu jitressqu f'din il-kawża u posthom huwa f'azzjoni petitorja[26]. Fit-tieni lok, jidher li l-fehmiet tal-perit tekniku fiż-żewġ relazzjonijiet imressqin minnu u mtennija fit-tweġibiet li huwa ta bħala xhud eskuss mill-imħarrkin, jeskludu li l-art ta' RHC hija b'xi mod mgħobbija b'xi jedd ta' mogħdija jew li l-pussess ta' RHC fuq l-art tagħha huwa b'xi mod ristrett;

Illi, minn dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti għalhekk issib li, għalkemm għal żmien ta' ftit xhur qabel seħħew il-ġrajja, RHC seħħilha turi li hija kellha l-pussess meħtieġ fuq l-art in kwestjoni biex tissoddisfa l-ewwel element tal-azzjoni mibdija minnha;

---

22 App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
23 P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
24 App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
25 Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard*** (mhix pubblikata)
26 Sentenza dwar din il-kwestjoni qiegħda tingħata llum ukoll f'kawża oħra (Ċitazz. 2152/97JRM) bejn l-istess partijiet

Illi ġie suġġerit f'isem l-imħarrek li jekk saru xogħlijiet, dawn saru 'l barra mill-ġid li kien fil-pussess ta' RHC, u għalhekk ma jistax jitqies bħala xogħol li naqqas il-pussess tagħha. Dan l-argument ma jistax ikollu siwi wisq, għaliex f'azzjoni ta' spoll iċ-ċaħda jew tnaqqis ta' pussess isseħħ ukoll jekk issir xi ħaġa li b'xi mod twaqqaf jew ixxekkel id-dħul għal jew aċċess minn dak il-ġid. Imkien ma jingħad fil-liġi li x-xogħol ilmentat irid isir ġewwa l-ġid possedut: per eżempju, twaħħil ta' katnazz ma' bieb ta' post li għalih wieħed kellu l-aċċess jikkostitwixxi għamil spoljattiv daqs kull xkiel effettiv ieħor għad-dħul, ukoll jekk il-katnazz jitwaħħal fuq barra tal-post. Dan jingħad apparti l-fatt stabilit mill-perizji li juri li t-tfigħ tat-terrapien u t-twittija tal-mogħdija għaddejjin ukoll minn ġol-art ta' RHC;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-imħarrkin meta jeċepixxu li kien jonqos fil-kumpannija attriċi l-element tal-pussess li jsejjes l-azzjoni tagħha safejn din l-eċċezzjoni trid li jingħaraf dritt ta' servitu' ta' mogħdija fuq l-istess art;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[27]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[28];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu <u>jew</u> mingħajr ma jitħalla jintebah bih[29];

Illi f'dan il-każ, intwera ċar li meta sar ix-xogħol tat-tqegħid tat-terrapien fuq l-art ta' RHC (li f'dik il-parti hija art xagħrija jew *garigue*), dan ma sarx bl-għarfien tagħha.

[27] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[28] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe*** (mhix pubblikata)
[29] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

Għall-kuntrarju, tressqet xhieda[30] li turi li, għall-ewwel, ix-xogħol li sar fuq l-art ta' RHC tneħħa mill-istess kumpannija biex imbagħad, ftit tal-jien wara, reġa' sar mill-ġdid mill-imħarrkin;

Illi hemm provi li juru li dak ix-xogħol sar mill-imħarrek Vella[31]. Huwa minnu li l-imħarrkin u xhud imressqin minnhom jgħidu li kienu ilhom żmien jgħaddu minn fuq l-art mertu tal-każ sa minn żmien twil qabel ma' RHC xtratha, iżda huwa daqstant ieħor minnu li x-xogħlijiet li tilminta minnhom RHC saru sewwasew fiż-żmien qrib il-bidu ta' Settembrutal-1995, jiġifieri meta hija kienet ilha ftit xhur li xtrat l-art. Minbarra dan, RHC tilminta mill-materjal imqiegħed fuq l-art tagħha u mit-twaqqigħ ta' xi ħitan tas-sejjieħ u mhux mill-fatt li xi ħadd fettillu jgħaddi minn fuq l-art tagħha meta ma kien ikun hemm ħadd jara x'qed jiġri;

Illi joħroġ mill-provi mressqa li x-xogħlijiet imsemmija effettivament jokkupaw parti mill-art ta' RHC u jnaqqsu l-użu sħiħ tagħha min-naħa tas-sidien, u wkoll li x-xogħol li sar huwa wieħed li jidher;

Illi dawn il-kostatazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti biex issib li t-tieni element tal-azzjoni attriċi wkoll huwa ippruvat kif għandu jkun;

Illi <u>dwar it-tielet element</u>, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[32];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element ukoll jidher li jinsab muri kif imiss. Filwaqt li RHC wriet

---

[30] Xhieda ta' Joseph Oliver Ruggier 17.3.1997, f'paġ. 28 tal-proċess
[31] Xhieda tal-imħarrek Bonavia 26.5.1997, 27.10.2004 u 15.6.2005, f'paġġ. 64, 66, 71, 218 u 232 tal-proċess
[32] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)

biċ-ċar meta seħħew il-ġrajja li wassluha biex tiftaħ din il-kawża, l-imħarrkin ma jmieru xejn minn dan;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li t-tielet element tal-azzjoni attriċi jirriżulta msejjes ukoll;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ewwel eċċezzjoni** relattivament għall-imħarrek Bonavia, il-provi juru qagħda għal kollox differenti minn dak allegat fl-istess eċċezzjoni. Mix-xhieda tal-istess imħarrek Bonavia[33] joħroġ ċar li huwa kien ilu żmien jidħol fir-raba' ta' l-imħarrek Vella u dan baqa' jagħmlu wkoll wara li Vella miet. Stqarr ukoll li huwa jinqeda bix-xogħlijiet magħmulin mill-imħarrrek Vella u għalhekk li huwa wkoll kompliċi fl-għamil spoljattiv. Minbarra f'dan, Bonavia assuma l-atti tal-kawża wara l-mewt tal-imħarrek Vella u baqa' jieħu parti attiva mhux biss fil-kawża imma wkoll f'dak li jsir fil-qasam tar-raba' mertu tal-każ;

Illi minħabba f'hekk, l-imsemmija eċċezzjoni mhux ta' min joqgħod fuqha u sejra titwarrab;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin wettqu spoll bi ħsara għall-kumpannija attriċi meta, kontra r-rieda tal-istess kumpannija, abbużivament xeħtu terrapien u materjal u ġarrfu ħitan fl-art tal-istess kumpannija fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' Alla w Ommu", fil-Magħtab, limiti tan-Naxxar, fl-ewwel jiem ta' Settembru tal-1995;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrek Bonavia li jerġa' jqiegħed kollox kif kien qabel ma saru l-imsemmija xogħlijiet u dan fi żmien tletin (30) jum minn meta din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat, liema xogħlijiet iridu jsiru bi spejjeż tal-istess imħarrek u taħt is-superviżjoni tal-perit arkitett David Paċe;

---

[33] Xhieda tiegħu 26.5.1997, 27.10.2004, 1.4.2005 u 15.6.2005, f'paġġ. 68, 218, 225 u 233 tal-proċess

**Tilqa' t-tielet talba attriċi**, f'każ li l-imħarrek jonqos li jagħmel dak lilu ordnat fiż-żmien lilu mogħti;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin billi m'humiex mistħoqqa; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** iħallsu l-ispejjeż tal-kawża flimkien bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------